**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 24**
**It-Tnejn, 4 ta' Lulju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**GĦADIRA - TRIQ IL-MARFA - PERMESSI**

**420. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx meħtieġ permess sħiħ ta' żvilupp għal xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Marfa Għadira?

17/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Ministeru tat-Turiżmu flimkien mal-Awtorità' Maltija għat-Turiżmu qegħdin jikkollaboraw ma' Infrastructure Malta sabiex jiġi attwat proġett ta' *upgrading* tal-*promenade* eżistenti tal-Għadira.
Fir-rigward ta' teknikalitajiet tal-proġett, nirreferi lill-Onorevoli Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 24
04/07/2022

**GĦADIRA - TRIQ IL-MARFA - PERMESSI**

**421. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx meħtieġ permess sħiħ ta' żvilupp għax-xogħlijiet ta' tisbiħ fit-Triq il-Marfa l-Għadira? Jista' l-Ministru jgħid jekk dan inħareġx mill-Awtorità tal-Ippjanar?

17/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 420.

Seduta 24
04/07/2022

**GĦADIRA - TRIQ IL-MARFA - TNAQQIS FIL-KARREĠĠJATI**

**422. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jkun hemm tnaqqis fil-karreġġjati minn kull direzzjoni lejn u/jew miċ-Ċirkewwa fir-rigward tal-proġett ġdid ta' tisbiħ fi Triq il-Marfa l-Għadira?

17/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 24
04/07/2022

**GĦADIRA - TRIQ IL-MARFA - TRAFFIC MANAGEMENT**

**423. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx studju tal-management tat-traffiku u x'kienu r-riżultati tal-istudju għax-xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Marfa Għadira?

17/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 422.

Seduta 24
04/07/2022

**GĦADIRA - TRIQ IL-MARFA - XOGĦLIJIET**

**424. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid meta x-xogħlijiet ta' tisbiħ fit-Triq il-Marfa l-Għadira huma kkalkulati li se jitlestew?

17/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 420.

Seduta 24
04/07/2022

**WESGĦA MASSIMU PERMESSIBBLI GĦAL TWO WAY ROAD**

**425. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid bil-wisa' massimu permissibbli ta' triq biex din tkun two-way road? Jista' jikkonferma li ma saret l-ebda talba mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa biex Triq Dun Franġisk Sciberras issir one way street?

17/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi skond il-Policy tal-Awtorita fil-każ ta' aċċess lokali li jintuża minn inqas min 500 karozza fis-siegħa, mingħajr parkeġġ, it triq għandha tkun wiesgħa 6.00m. Fil-każ ta' parkeġġ fuq naħa waħda, it-triq għandha tkun wiesgħa tal-inqas 8.00m, filwaqt li fil-każ ta' parkeġġ fuq żewġ naħat il-minimu neċessarju huwa ta' 10.0m.
Fir-rigward ta' Triq Frangisk Sciberras, l-Awtorita' tikkonferma li kellha talba għal 'endorsement' mill-Kunsill Lokali ta' proposta għal 'one way scheme', li tinkludi din it-triq.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**930. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-Onorevoli interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 145 ħaddiem fuq telework u 25fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**931. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** L-Onorevoli Interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 65 ħaddiema fuq telework u m'hemm l-ebda haddiema li jahdmu bir-remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**932. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** L-Onorevoli interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 168 ħaddiem fuq telework u 60 fuq remote working fil-Ministeru għal-Għawdex. Fir-rigward tal-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru ma kien hemm l-ebda telework u anqas remote working.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**933. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 47 ħaddiem fuq telework u 52 fuq remote working fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**934. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-Onorevoli interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking.
Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 1,067 ħaddiem fuq telework u 112 fuq remote working fil-Ministeru, inkluz l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**935. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' *remote working* (*teleworking*), mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-Onorevoli interpellant għandu jkun jaf li hemm differenza bejn remote working u teleworking. Minkejja dan, ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Mejju kien hemm 37 ħaddiem fuq telework u 35 fuq remote working fil-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti taħtu.

Seduta 24
04/07/2022

**ANIMAL WELFARE FUND GĦAL QTATES**

**1221. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li l-Animal Welfare Fund kellha tiffirma agreement fir-rigward tal-qtates f'April li għadda u dan għadu ma ġiex iffirmat? Meta hemm il-ħsieb li l-agreement ta' dan il-'fund' jiġi ffirmat?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex jispeċifika għal liema *agreement* qiegħed jirreferi għalih.

Seduta 24
04/07/2022

**NGOS – FONDI GĦAL FOSTERING U ADOZZJONI TA' QTATES**

**1222. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għaliex il-fondi b'risq NGOs fir-rigward ta' fostering u adozzjoni ta' qtates li kellhom jingħataw għas-sena 2021 għadhom ma ngħatawx? Meta ser jingħataw dawn il-fondi lil NGOs rispettivi?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi x-xogħol biex il-fondi b'risq l-NGOs fir-rigward ta' adozzjoni ta' qtates fis-sena 2021 qiegħed avvanzat u l-fondi ser jingħataw fil-futur qarib.

Seduta 24
04/07/2022

**GĦAMMIERI – ANIMAL WELFARE - CATTERY**

**1223. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-'Cattery' li għandu l-Animal Walfare fl-Għammieri għadu mhux jintuża? Meta hemm il-ħsieb li dan il-'Cattery' jibda jintuża?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fl-Għammieri hemm żewġ *catteries*, waħda li fiha l-qtates u oħra ġdida li x-xogħol fuqha għadu għaddej. Qiegħdin jittieħdu l-miżuri kollha sabiex din tal-aħħar tkun ta' livell għoli qabel tibda tintuża bl-aktar mod effiċjenti.

Seduta 24
04/07/2022

**TKABBIR U KONSERVAZZJONI TA' ANNIMALI INDIĠENI MALTIN**

**1224. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għall-parti mid-diskors tal-Onor. Ministru Anton Refalo fid-dibattitu tal-Estimi Ġenerali 2021, partikolarment meta għamel referenza għat-tkabbir u l-konservazzjoni ta' annimali indiġeni Maltin, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' din l-inizjattiva, sena b'sena mill-2018 sad-data tar-risposta ta' din il-mistoqsija, speċi speċi, bin-numri ta' popolazzjoni ta' kull speċi? Jista' l-Ministru jagħti rendikont tan-nefqa involuta fuq din l-inizjattiva, sena b'sena mill-2018 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' l-Ministru jgħid x'inhuwa l-programm ippjanat għal din l-inizjattiva għall-ħames snin li ġejjin?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-Gvern huwa kommess li jkabbar u jikkonserva l-annimali indiġeni Maltin. Enfasi qiegħda issir fuq it-tiġieġa -s-sewda Maltija, in-nagħaġa u l-mogħża Maltija, kif ukoll il-gendus Malti. Fit-**Tabella A** wieħed jista' jsib l-informazzjoni dwar in-numru ta' popoplazzjoni ta' kull speċi. Informazzjoni dwar l-infieq tinsab fit-**Tabella B**.

Rigward l-inizzjattivi għall-ħames snin li ġejjin, ser jitkomplew it-titjib infrastrutturali ġewwa l-AgriHub li jinkludu l-istrutturi li fihom jitrabbew il-bhejjem indiġeni Maltin. Ser jitkomplew il-programmi ta' konservazzjoni u ta' tkattir tar-razez ta' bhejjem indiġeni Maltin, fosthom tat-tiġieġ is-suwed, tal-mogħoż, tan-nagħaġ u tal-baqar Maltin. Dan jinvolvi tfassil ta' programmi sabiex jissaħħu r-riżorsi ġenetiċi ta' dawn l-ispeċi indiġeni permezz ta' monitoraġġ u selezzjoni. Dan il-programm ta' tkattir ser iservi sabiex jiġi stabbilit l-imsejjah *breeding stock* ta' dawn il-bhejjem indiġeni abbażi tal-karatteristiċi Maltin li ser iservi wkoll bħala bażi sabiex jiġi rrikonoxxut l-istandard ta' razza ta' dawn ir-razzez lokali.

**Tabella A** – Numru ta' Bhejjem għal kull sena

| Sena | Tiġieġ Suwed ta' Malta | Mogħoż indiġeni Maltin | Nagħaġ ta' Malta | Baqar ta' Malta |
|---|---|---|---|---|
| 2018 | 60 | 97 | 21 | 37 |
| 2019 | 125 | 138 | 47 | 36 |
| 2020 | 120 | 155 | 55 | 38 |
| 2021 | 142 | 179 | 51 | 44 |
| 2022 | 150 | 173 | 50 | 43 |

**Tabella B** – Infieq marbut ma' l-inizzjattiva

| Sena | Ammont |
|---|---|
| 2018 | € 148,910.90 |
| 2019 | € 209,562.90 |
| 2020 | € 146,975.23 |
| 2021 | € 239,181.30 |
| 2022 | € 70,015.55 |

Seduta 24
04/07/2022

**FTEHIM TA' KOLLABORAZZJONI MAĊ-ĊENTRU CIHEAM (BARI)**

**1225. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim ta' kollaborazzjoni maċ-Ċentru CIHEAM (Bari)? Jista' l-Ministru jispjega fiex tikkonsisti din il-kollaborazzjoni? Kemm qed tiswa lill-Gvern Malti din l-inizjattiva? Min huma l-esperti Maltin involuti f'din l-inizjattiva? Jekk saru, kemm kien hemm safriet minn esperti Maltin fuq din l-inizjattiva u x'kienu l-iskopijiet għal dawn is-safriet?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interperlant illil l-MAFA laħaq ftehim mac-CIHEAM permess ta' MoU li ġie ffirmat f'Settembru tal-2021. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Ministeru qiegħed jibbenefika mis-support ta' numru ta' esperti fl-agronomija għall-ħames snin li ġejjin. Iċ-CIHEAM qed joffru għajnuna teknika fl-oqsma meħtieġa mill-MAFA bil-għan li tħarreġ l-uffiċjala tal-MAFA bl-aħħar tekniki relatati mat-tkabbir ta' siġar tal-frott u wċuħ tar-raba' ekonomikament importanti għal Malta. Dan qiegħed isir sabiex id-Direttorat ikun f'pożizzjoni li jkun jista' joffri assistenza u taħriġ lill-bdiewa lokali bil-għan li jibqgħu kompetittivi u li jkabbru l-prodotti tagħhom bl-aħjar prattiċi possibli. Dan qiegħed isir b'nefqa ta' mhux aktar minn €24,600 fis-sena.

Is-safar li hemm referenza għalih jaqa taħt t-tieni ftehim, u jikkonsisti f'taħriġ li qed isir minn esperti taċ-CIHEAM kemm b'visti f'Malta jew ġewwa l-Italja fejn l-uffiċjala tagħna jintbgħatu jsewgu t-taħriġ. Din is-sena saret sessjoni ta' taħriġ f'Malta u fl-Italja fejn 4 uffiċjala segwew kors ta' ġimgħa. Hu pjanat li matul din is-sena jsiru 2 sessjonijiet oħra ta' taħriġ, waħda f' Malta u l-oħra fl-Italja.

Kopja tal-MoU qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Ta' min isemmi wkoll illi bħalissa l-Ministeru li tiegħu jiena responabbli qed jaħdem maċ-CIHEAM fuq proġett Ewropew flimkien mal-MCAST. Il-Proġett AgriHub huwa ffinanzjat esklussivament minn fondi ewropej.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – PROTEZZJONI TAL-PRODOTT TAL-ĠBEJNA**

**1226. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhija l-pożizzjoni tal-Ministeru għar-rigward tal-applikazzjoni dwar il-protezzjoni tal-Ġbejna bħala prodott protett Malti? X'kien l-involviment tal-Ministeru tiegħu fuq din il-kwistjoni? Fiex waslu t-trattattivi fuq din il-kwistjoni sal-ġurnata li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

01/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li filwaqt li l-Ministeru hu favur il-protezzjoni tal-Ġbejna, ninfurmaħ li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ġbejna jiġu milqugħa mill-MCCAA u mhux mill-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli.

Seduta 24
04/07/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET LEJN LOURDES**

**1668. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-linja nazzjonali tal-ajru Air Malta ma inkludietx it-titjiriet regolari tagħha, kemm dawk chartered kif ukoll scheduled, lejn Lourdes u lura?

16/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 1665.

Seduta 24
04/07/2022

**AIR MALTA – TITJIRIET LEJN LOURDES**

**1669. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-linja nazzjonali tal-ajru Air Malta terġa' tibda t-titjiriet regolari tagħha lejn Lourdes u lura?

16/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 1665.

Seduta 24
04/07/2022

**IL-MARSA - TRIQ IN-NAGĦAL - ASFALTAR**

**1689. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Infrastructure Malta għandhiex il-ħsieb illi tasfalta Triq in-Nagħal il-Marsa u jekk iva, meta se jsir dan ix-xogħol?

16/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fl-ewwel ħames xhur tal-2022, ir-raba' sena tal-programm nazzjonali għat-titjib ta' toroq residenzjali, Infrastructure Malta lestiet il-bini mill-ġdid ta' madwar 90 triq residenzjali li flimkien iġibu 19-il kilometru oħra ta' toroq b'infrastruttura ta' kwalità ogħla. Dan ifisser medja t'erba' toroq fil-ġimgħa kif kienet fl-2021 li matulha l-aġenzija lestiet 220 triq residenzjali.

Infrastructure Malta tejbet il-kwalità ta' dawn it-toroq fl-istess żmien li kompliet għaddejja bi proġetti kbar f'toroq arterjali u faċilitajiet marittimi f'pajjiżna, ukoll b'ħidma ta' titjib tat-toroq rurali u programm kontinwu ta' tiswijiet u manuntenzjoni f'ħafna toroq oħrajn.

Fil-Marsa l-aġenzija għamlet xogħlijiet fi Triq il-Kungress Marjan, Triq Dom Mintoff, Triq Diċembru 13, Triq Aldo Moro, Triq il-Ħaddiema, triq li twassal għall-fabbriki fil-qasam industrijali, Triq il-Marsa, Triq Nicolo Isouard, Triq Moll il-Braken, Il-Moll tal-Pont, Il-Moll tal-Ħatab, Triq il-Ġerrejja, Triq is-Serkin, Belt il-Ħażna, Triq Ġużè Flores, Triq il-Pitkali, Triq il-Biċċerija, Xatt iċ-Ċangaturi u bniet pont pedonali fi Triq it-Tiġrija.

Fil-Marsa l-aġenzija wettqet ukoll l-akbar proġett infrastrutturali li qatt sar fit-toroq ta' pajjiżna, Marsa Junction Project b'investiment ta' €70 miljun biex tnaqqas il-ħin fl-invvjaġġar b'79% u sa 70% mit-tniġġis tal-ajra fl-iżjed żona li minnha jivvjaġġaw persuni, tul ir-rotta ewlenija lejn in-nofsinhar ta' Malta.

Fost proġetti oħrajn li għaddejjin bħalissa, Infrastructure Malta qed twettaq il-Grand Harbour Clean Air Project (GHCAP) li huwa investiment ambjentali ta' €49.9 miljun li jinkludi l-iżvilupp tat-tagħmir meħtieġ biex il-vapuri tal-passiġġieri u dawk li jġorru l-merkanzija jkunu jistgħu jitfu l-magni tagħhom li jaħdmu bil-*gasoil* jew *heavy fuel oil* u minflok iqabbdu mas-sistema għall-provvista tal-elettriku li se jkun hemm fuq ix-xatt, sabiex iħaddmu l-makkinarju għas-servizzi kollha li jkun hemm bżonn jipprovdu waqt li jkunu weqfin fil-port. B'dan il-proġett se jonqos b'90% t-tniġġis tal-ajra kkawżat minn dawn il-vapuri u b'hekk Infrastructure Malta qed tagħti arja aktar nadifa lil 17,000 familja li jgħixu madwar il-Port il-Kbir.

It-triq indikata, Triq in-Nagħal, diġà hija ppjanata biex isiru xogħlijiet fiha mill-aġenzija fiż-żmien li ġej.

Seduta 24
04/07/2022

**ĦAL TARXIEN – SKOLA PRIMARJA L-ANTIKA - XOGĦLIJIET**

**1702. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru ġewwa l-Iskola Primarja l-antika ta' Ħal Tarxien fi Triq l-Iskola?

17/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li fl-iskola primarja l-antika ta' Ħal Tarxien, il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada (FTS) qiegħda twettaq proġett ta' tisbieħ estensiv u modernizzazzjoni tal-binja kollha minn ġewwa.

Seduta 24
04/07/2022

**ĦAL TARXIEN – TRIQ TAL-BARRANI - ASFALTAR**

**1703. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma li t-triq indikata bħala Tal-Barrani li tinsab però fuq il-parti ta' ġewwa ta' Ħal Tarxien, ser tiġi asfaltata mill-ġdid minħabba l-istat ħażin li tinsab fiha?

17/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastructure Malta diġà kellha ppjanat biex il-parti tat-triq indikata tiġi asfaltata mill-ġdid fiż-żmien li ġej.

Seduta 24
04/07/2022

**RAĦAL ĠDID - ĠNIEN PAWLU BOFFA**

**1704. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu tul din is-sena sabiex Ġnien Pawlu Boffa f'Raħal Ġdid jingħata iktar attenzjoni u jinżamm aħjar, b'tibdil tas-servizzi?

17/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Paola illi jinsab għaddej b'ħidma mal-kuntratturi sabiex il-ġnien jinżamm fi stat aħjar.
Apparti minn hekk, għaddejja wkoll ħidma fuq pjanti ġodda għall-proġett ta' riġenerazzoni ta' dan il-ġnien.

Seduta 24
04/07/2022

**WIED IL-GĦAJN – TRIQ VILLABATE**

**1705. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li jintbagħtu esperti tat-traffiku fi Triq Villabate (l-aħħar parti tal-Marsascala bypass) biex jesploraw x'jista' jsir minħabba xi karozzi li joħorġu minn Triq San Ġużepp Ħaż-Żabbar qed jaqsmu lejn iż-Żejtun minnflok jinżlu lejn Wied il-Għajn u dan sabiex jiġu evitati inċidenti tat-traffiku?

17/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Transport Malta qiegħda f'diskussjonijiet ma' uffiċjali ta' Infrastructure Malta biex esperti jesploraw il-possibililtà ta' intervent fit toroq imsemmija.

Seduta 24
04/07/2022

**NOTIFIKA TA' ĊITAZZJONI**

**1706. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara jekk hiex qed tiġi segwita l-proċedura stabbilita li min jaqla' ċitazzjoni tat-traffiku din titwaħħallu effettivament mal-windscreen tiegħu u li tintbagħat l-SMS tan-notifika tal-istess, billi jidher li mhix tiġi segwita?

17/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru ikkonċernat.

Seduta 24
04/07/2022

**QARI TA' KOTBA FL-ISKEJJEL PRIMARJI U SEKONDARJI**

**1707. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jindika x'miżuri ser jittieħdu sabiex ikun hemm iktar qari ta' kotba fl-iskejjel primarji u sekondarji ta' pajjiżna? Jista' jindika x'talbiet hemm lil-Libreriji Pubbliċi mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar il-kotba li għandhom jiġu mixtrija?

17/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li x-xiri tal-kotba tal-qari għas-snin tal-Primarja u għas-snin tas-Sekondarja se jibqa' jsir darba fis-sena mill-Ministeru wara eżercizzju kollaborrattiv bejn l-Uffiċċjali Edukattivi tal-lingwi kollha, il-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-lingwi rispettivi u l- għalliema. Dan sabiex ikun assigurat il-livell mistħoqq u l-kwalita' ta' pubblikazzjoni.
Apparti dan, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se tissokta bil-ħidma tagħha, bħal fis-snin li għaddew, biex l-istudenti tal-iskejjel primarji, medji u sekondarji jaqraw aktar kotba bil-Malti, l-Ingliż u b'lingwi oħra. Fost oħrajn, fis-sena skolastika li jmiss, se jkunu qed jitħaddmu dawn il-programmi u inizjattivi:

1. 'Seħer l-Istejjer/*The Magic of Stories'*, programm ta' qari għall-gost b'xejn bil-Malti u l-Ingliż għal tfal ta' bejn 4 u 7 snin ul-ġenituri/kustodji/nanniet tagħhom fi skejjel, libreriji, spazji pubbliċi u kunsilli lokali;
2. 'Gost il-Qari/ *The Pleasure of Stories'*, programm ta' qari għall-gost b'xejn bil-Malti u l-Ingliż għal tfal ta' bejn 7 snin u 11-il sena fi skejjel, libreriji, spazji pubbliċi u kunsilli lokali;
3. 'L-Ambaxxaturi tal-Qari/*Reading Ambassadors'*, programm fejn awturi, kantanti, ġurnalisti, kittieba, sportivi u personalitajiet oħra Maltin iżuru klassijiet tat-tfal tal-primarja u s-sekondarja, u magħhom jaqraw ktieb u ssir diskussjoni dwaru;
4. 'Aqra kemm tiflaħ/*Enriching Classroom Libraries'*, investiment qawwi fil-libreriji tal-klassijiet permezz ta' għotja ta' mitt ktieb lil kull klassi (50 bil-Malti u 50 bl-Ingliż), fittizji u fattwali kif ukoll riżorsi diġitali u stampati li jmorru magħhom;
5. 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja/ *Footballers' Read and Write Programme'*, programm li jinqeda bin-namra għall-futbol biex iħeġġeġ il-ħajra għall-qari;
6. 'Naqra Teatru', proġett pilota li jlaqqa' lit-tfal li jħobbu jirreċtaw mal-qari u l-kitba, permezz tar-reċti u d-drama;
7. 'Aqra d-Dar/*Read at Home'*, servizz ta' librerija mobbli, fejn it-tfal/ġenituri mill-Kinder sal-aħħar tas-sekondarja jordnaw il-kotba online biex jissellfuhom u l-kotba jitteħdulhom b'xejn f'darhom;
8. ' Il-Kampanja Aqra fis-Sajf/ *Summer Reading Campaign'* - bejn Lulju u Settembru, mill-2014 lil hawn l-Aġenzija organizzat sessjonijiet ta' qari għall-gost waqt Skolasajf tal-FES u l-Catch-up programme;
9. 'Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema/*Parents the First Teachers'*, kors ta' 5 sessjonijiet fuq l-iżvilupp ta' ħiliet tal-litteriżmu fit-trabi sa 3 snin;

10. ‘Brillantini tal-Kitba u tal-Qari/ *Reading and Writing Stars’*, inizjattivi li bis-saħħa tagħhom tfal li jħobbu jaqraw jew jinqalgħu għall-kitba jiġu ppremjati b’vawċers, kotba u attivitajiet speċjali fosthom Xalata ta’ Kitba;
11. ‘Librerija f’kull Dar/ *Home Libraries’*, skema li permezz tagħha familji vulnerabbli jingħataw kotba u riżorsi biex jarmaw librerija f’darhom;
12. ‘Bis-Sehem tagħkom’, skema fejn l-Aġenzija tidħol bi sħab ma’ pubblikaturi lokali biex jinħolqu riżorsi meħtieġa u innovattivi bħal logħob edukattiv bil-Malti, għat-tagħlim tal-qari u l-kitba bil-Malti;
13. ‘Il-Qaritona Nazzjonali/*National Readathon’* – kampanja organizzata flimkien mal-Malta Trust Foundation bil-għan li żżid il-qari fost it-tfal u fl-istess ħin jinġabru fondi f’forma ta’ maratona tal-qari għax-xiri ta’ riżorsi għal tfal bi bżonnijiet speċjali;
14. ‘Libreriji fil-Komunità/*Open Libraries’*, tqassim ta’ kotba użati f’postijiet pubbliċi, fosthom ġonna pubbliċi u parks;
15. Organizzazzjoni ta’ kompetizzjonijiet bħall-‘Promoturi tal-Qari/*Reading Champions*’ u tal-‘Jum Dinji tal-Kotba/*World Book Day’* fejn l-istudenti ta’ abiltajiet differenti u l-iskejjel jiġu ppremjati tal-ħidma tagħhom biex jippromwovu l-qari.

Seduta 24
04/07/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1722. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista’ l-Prim Ministru jgħid x’pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista’ jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġi¿latura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-biografiji tas-Segretarji Permamenti fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Seduta 24
04/07/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1723. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x’pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista’ jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-biografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1724. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-biografija tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru.

Nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Segretarji Permanenti kollha tax-xogħol tajjeb li jwettqu, b'mod partikolari lis-Sinjura Dimech li tgawdi rispett kbir frott il-ħidma li ilha twettaq b'rettezza u effiċjenza għal diversi snin taħt diversi amministrazzjonijiet. Fil-fehma tiegħi s-Sinjura Dimech hija "role model" għal diversi li jew jaħdmu fis-servizz pubbliku jew jixtiequ jaħdmu fis-servizz pubbliku.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1725. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-biografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1726. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-biografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – SEGRETARJU PERMANENTI – PAKKETT FINANZJARJU U KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1727. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'pakkett finanzjarju għandu s-Segretarju Permanenti tiegħu? Il-pakkett finanzjarju jinkludi allowances u perkaċċi oħra? Jista' jgħid ukoll xi kwalifiki akkademiċi għandu s-Segretarju Permanenti?

20/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni hi diġà pubblika. Din tinstab fl-Estimi Finanzjarji tal-2022, li tpoġġew diġà fuq il-Mejda tal-Kamra fl-aħħar leġiżlatura, u fuq is-sit uffiċjali tas-Servizz Pubbliku. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-biografija tas-Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 24
04/07/2022

**CHILDCARE CENTRES – RAPPORT FUQ IL-PROGRESS TAT-TFAL**

**1817. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-ġenituri tat-tfal li jattendu ċ-Childcare Centres kollha li hawn f'pajjiżna jingħatawx rapport iddettaljat dwar il-progress li t-tfal tagħhom ikunu għamlu tul iż-żmien li jkunu attendew fiċ-ċentri? Fiex jikkonsisti dan ir-rapport?

20/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li skond Taqsima 2 (Il-Kwalita tat-tagħlim u l-ħarsien tat-Tfal) Standard 2.6, Indikatur 3 (paġna 28) kif elenkat fl-iStandards Nazzjonali għas-servizz tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-tfal fis-snin bikrin li qiegħed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, l-edukaturi tal-ECEC (Early Childhood Education and Care) għandhom jaqsmu u jiddiskutu b'mod regolari mal-ġenituri individwali l-progress tat-tagħlim u l-iżvilupp olistiku tat-tfal.
Dan jiġi iċċekjat minn uffiċjali edukattivi waqt visti esterni li isiru fiċ-ċentri b'mod regolari. Ir-rapporti li jingħataw jikkonsistu ġeneralment fil-miri li għandhom x'jaqsmu mas-snin bikrin u kif iċ-ċentru qed iwassal biex jintlaħqu dawn il-miri. Fl-aħħar snin iċ-ċentri qed isegwu wkoll 'Learning Outcomes for the Early Years' biex jiġu żviluppati dawn ir-rapporti fuq il-progress tat-tfal.

Seduta 24
04/07/2022

**PRIMARY HEALTHCARE – MANAGER PATIENT SUPPORT SERVICES**

**1818. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid:
a. Fuq liema kompetenza ġiet magħżula l-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament bħala Manager Patient Support Services in Primary Healthcare?
b. X'rekwiżiti ntalbu fis-sejħa għall-istess kariga?
ċ. Minn min kien kompost il-bord tal-għażla meta ġiet magħżula għal din l-istess kariga?
d. Kemm applikaw kandidati għal din l-istess kariga?
e. Xi kwalifiki għandha din il-persuna li jorbtu ma' din il-kariga?
f. Fuq liema skala qiegħda l-persuna indikata?
g. X'kienu x-xogħlijiet preċedenti tal-kandidat magħżul?
h. Minn meta beda t-terminu ta' din il-persuna bħala Manager Patient Support Services fil-Primary Healthcare?

20/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant illi għal dan l-rwol intagħalbu minimu ta' sitt (6) snin esperjenza ta' xogħol fil-Koordinazzjoni tal-Appoġġ tal-Pazjent jew qasam relatat fis-Settur tas-Saħħa, li minnhom erba' (4) snin iridu jkunu f'Ċentru tas-Saħħa. Jew
esperjenza ta' xogħol fi rwol b'superviżjoni minima u esperjenza fit-tmexxija u l-ġestjoni tan-nies titqies bħala vantaġġ.

Il-Membri tal-Bord kienu s-Sinjura Stephania Dimec bħala Chairperson, is-Sur Carlos Caruana bħala Membru u s-Sinjura Pamela Ruscio Debattista bħala Membru u Segretarju tal-Bord.

Persuna waħda biss applikat għall din il-pużiżżjoni. It-terminu beda minn 30 ta Mejju 2022

Seduta 24
04/07/2022

**SANTA VENERA – UPKEEP U SOFT AREAS TAR-ROUNDABOUT**

**1831. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1403, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid min qed jieħu ħsieb l-upkeep u s-soft areas tar-roundabout f'Santa Venera li tagħti lejn Triq il-Kapillan Mifsud, lejn Triq il-Ferrovija, u/jew lejn Triq Reġjonali, u liema entità hi inkarigata tagħmel dan u sa meta hu l-kuntratt attwali? Meta jiskadi l-kuntratt preżentement fis-seħħ?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera illi ir-roundabout in kwistjoni m'hiex fir-Responsabbilita` tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera in vista li din taqa fi triq arterjali.

Seduta 24
04/07/2022

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – POSTIJIET TA' RESIDENZA**

**1861. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 1045, jista' l-Ministru jindika ż-żewġ indirizzi f'San Pawl il-Baħar (jekk mhux possibbli jingħata l-indirizz kollu, tingħata l-isem tat-triq u possibbilment l-isem tal-blokka) fejn skont it-tweġiba għall-istess domanda ġew akkwistati żewġ appartamenti mibnija mill-privat li ġew allokati għall-akkomodazzjoni soċjali?

21/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 24
04/07/2022

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – POSTIJIET TA' RESIDENZA**

**1862. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 1045, jista' l-Ministru jindika l-indirizz għal kull post ta' residenza li tqassam mill-2017 sad-data li fiha ġiet imwieġba l-istess domanda parlamentari u dan sena sena b'mod separat għal kull sena u kull lokalità tal-Mellieħa, Naxxar u San Pawl il-Baħar (li tinkludi żoni bħal Buġibba, il-Qawra u x-Xemxija) (jekk mhux possibbli jingħata l-indirizz kollu, tingħata l-isem tat-triq u possibbilment l-isem tal-blokka)?

21/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1898. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma l-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1899. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1900. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill- Onorevoli interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1901. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni:
Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li tweġiba għal din il-mistoqsija Parlamentari ser tkun qed tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1902. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tagħha jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**BAJJA TAR-RAMLA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1910. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tar-Ramla? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta tispeċifika għal-liema Ramla qed tirreferi.

Seduta 24
04/07/2022

**BAJJA TAR-RAMLA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1911. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tar-Ramla? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**BAJJA TA' FRA BEN – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1912. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Fra Ben? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**BAJJA TA' FRA BEN – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1913. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Fra Ben? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**PRETTY BAY – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1914. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Pretty Bay? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**PRETTY BAY – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**1915. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja ta' Pretty Bay? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**TA' QALI: PITKALIJA – XOGĦOL TA' TIBDIL STRUTTURALI**

**1922. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1687 u jagħti tagħrif dwar meta mistenni jsir xogħol ta' tibdil strutturali fil-Pitkalija f'Ta' Qali? Meta mistenni jitlesta dan ix-xogħol? Fiex jikkonsisti x-xogħol li għandu jsir?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**KUNSILLI LOKALI – ILMENTI DWAR ĦMIEĠ JEW PROBLEMA TA' SKART**

**1967. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1431 u jagħti rendikont ta' kemm-il ilment dwar ħmieġ jew problema ta' skart ġew irreġistrati fil-Kunsilli Lokali kollha, u b'mod rispettiv għal kull lokalità, fl-aħħar sentejn?

22/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**KUNSILLI LOKALI - ILMENTI**

**1968. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1432 u jagħti rendikont ta' kemm-il ilment ġie reġistrat fil-Kunsilli Lokali kollha, u b'mod rispettiv għal kull lokalità, fl-aħħar sentejn?

22/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**ANZJANI LI JGĦIXU FIL-KOMUNITÀ – SERVIZZ TA' INTERNET B'XEJN**

**1986. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex qed jiġi offrut internet b'xejn lill-anzjani li jgħixu fil-komunità? Jekk iva, jista' jgħid kemm hawn anzjani jibbenefikaw minn dan is-servizz?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qed tipprovdi faċilità ta' internet b'xejn ġewwa ċ-Ċentri ta' Matul il-Jum tal-Anzjanità Attiva. Sadanittant l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qeda taħdem mal-operaturi tat-telekomunikazzjoni biex jagħmlu parti mill-iskema "Skontijiet għall-Anzjani" sabiex persuni li għandhom 'il fuq min 60 sena jkunu jistgħu jibbenefikaw

minn offerti fuq pakketti li jinkludu wkoll l-internet. Bħalissa hemm żewġ operaturi ewlenin, li huma l-GO u l-EPIC, li joffru pakketti mraħħsa ta' internet fuq mobile lill-anzjani.
L-informazzjoni mingħand l-operaturi għadhom qed jgħadduha lill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE – WI-FI BLA ĦLAS FIS-SWALI**

**1987. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern jipprovdix Wi-Fi bla ħlas fis-swali tar-Residenza San Vinċenz de Paule apparti fiż-żoni komuni u fid-day-room tas-swali u l-btieħi tar-Residenza? Jekk le, jista' jgħid meta se jkun qed jipprovdi Wi-Fi bla ħlas?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li minbarra s-servizz ta' wifi li diġa' jeżisti fl-ispazji miftuħin ta' San Vinċenz de Paul, kif ukoll fiż-żoni ta' fejn jieklu r-residenti u ż-żoni komuni, riċentament is-servizz ġie estiż ukoll f'aktar postijiet.

Dan wara li sar proġett pilota fejn iddaħħal is-servizz tal-wifi ġewwa l-kmamar tas-sodda f'żewġt iswali fuq perjodu ta' sitt xhur.

Dan il-proġett pilota kien suċċess u issa qed isir l-ippjanar biex il-wifi b'xejn jiġi estiż fis-swali kollha.

Seduta 24
04/07/2022

**DJAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI – WI-FI BLA ĦLAS**

**1988. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern jipprovdix Wi-Fi bla ħlas fid-djar residenzjali tal-anzjani tiegħu? Jekk iva, jista' jikkonferma li l-Wi-Fi bla ħlas jiġi pprovdut ukoll fil-kmamar tal-anzjani?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern jipprovdi Wi-Fi bla ħlas fid-djar residenzjali tal-anzjani tal-gvern kollha. Dan is-servizz qed jiġi pprovdut ukoll fil-kmamar tal-anzjani.

Seduta 24
04/07/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE - CARERS**

**1989. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm carers jaħdmu fir-Residenza San Vinċenz de Paule? Jista' jgħid kemm minnhom huma impjegati tal-Gvern u kemm minnhom huma impjegati mal-kuntrattur? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma barranin?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li n-numru ta' carers li jaħdmu fir-Residenza San Vinċenz de Paule huwa 223 li jinkludu Health Carer I, Health Carer II u Senior Health Carer. Dawn huma impjegati tal-Gvern u kollha Maltin. Il-carers tal-kuntrattur jammontaw għal 493. Minnhom, hemm 380 li huma barranin.

Seduta 24
04/07/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – PROĠETTI KAPITALI**

**1990. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-proġetti kapitali li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu jew taħt xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu li għaddejjin bħalissa u wkoll dawk li se jkunu qed jinbdew f'din is-sena?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-informazzjoni ser titpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra

Seduta 24
04/07/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE - ANZJANI**

**1991. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm anzjani fir-Residenza San Vinċenz de Paule fil-preżent? Jista' jgħid kemm minnhom huma residenti rġiel u kemm minnhom huma residenti nisa?

23/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li n-numru ta' residenti fir-Residenza San Vinċenz de Paul huwa ta' 1,338 resident. Minn dawn, 445 huma rġiel waqt li 893 huma nisa.

Seduta 24
04/07/2022

**PULIZIJA – RAPPORTI DWAR STORBJU EĊĊESSIV**

**2006. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar kemm-il każ ta' storbju eċċessiv ġew irrapportati, xahar b'xahar, bejn Jannar 2021 u d-data ta' meta qiegħda tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'liema lokalità ġie rrapportat kull wieħed minn dawn il-każijiet u għal liema tip ta' storbju kien qed jirreferi dan ir-rapport? Kemm minn dawn ir-rapporti kienu jikkonċernaw ħsejjes wara l-11.00 p.m. u wara s-1.00 a.m. separatament?

24/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill- Onorevoli interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**SPEED CAMERAS**

**2007. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 1312 dwar speed cameras, jista' l-Ministru jagħti

tagħrif dwar liema huma l-linji gwida li qiegħed jirreferi għalihom u jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-istudji msemmija għal kull speed camera? F'kull każ, jista' jagħti tagħrif dwar liema kien l-avviz legali li permezz tiegħu kull speed camera ġiet stabbilita? Billi l-ispeed limits indikati fir-risposta huma kważi kollha differenti min-national speed limit ta' 80 km fis-siegħa, jista' jinforma lill-Kamra dwar kif daħlu fis-seħħ l-istess speed limits?

24/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li kopja tal-linji gwida msemmija qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. L-ispeed cameras huma regolati minn LS 65.11, artiklu 127. Il-limitu tal-velocità jiġi stabbilit skont il-ġeometrija tat-triq fl-istadju tat-tfassil tal-istess triq skont is-setgħat mogħtija lill-istess awtorità u regolati minn CAP 499 u CAP 65. Fil-linji gwida mehmuża wieħed jista` jsib skeda tal-limitu tal-velocità wara li saru s-surveys meħtieġa. Jista` jagħti l-każ li jkun hemm bdil fil-limitu tal- velocità wara ċertu żmien u dan wara li jsir assessjar mill-ġdid minħabba tibdil fit-triq bħal rikostruzzjoni jew bdil fl-allinjament. Ninforma wkoll li r-regolamenti jippermettu li l-limitu tal- velocità jkun differenti mill- velocità nazzjonali skont SL 65.11, artiklu 127 (2).

Seduta 24
04/07/2022

## HOME ASSIST SCHEME – ĠENITURI SEPARATI MIŻ-ŻWIEĠ

**2015. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ġenitur separat miż-żwieġ għamel użu mill-Home Assist Scheme, sena b'sena mill-2017 sal-aħħar ta' 2021, kif ukoll skont il-ġeneru u l-età rispettivi?

24/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bejn l-1 ta' Jannar 2017 u Diċembru 2021, l-Awtorità tad-Djar kellha 4 benefiċċjarji mniżżlin bħala 'ġenitur separat miż-żwieġ' u li bbenefikaw mil-iskema *Home Assist.* L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabelli t'hawn taħt:

| Sena | Benefiċċjarji li ffirmaw kuntratt ta' xiri ta' proprjetà taħt Home Assist Scheme |
|---|---|
| 2017 | Nil |
| 2018 | Nil |
| 2019 | 1 |
| 2020 | 2 |
| 2021 | 1 |

| Età | Benefiċċjarji li ffirmaw kuntratt ta' xiri ta' proprjetà taħt Home Assist Scheme |
|---|---|
| 31 | 1 |
| 39 | 1 |
| 40 | 1 |
| 41 | 1 |

| Ġeneru tal-Benefiċċjarji | Benefiċċjarji li ffirmaw kuntratt ta' xiri ta' proprjetà taħt Home Assist Scheme |
|---|---|
| Irġiel | Nil |
| Nisa | 4 |

Seduta 24
04/07/2022

## EQUITY SHARING – ĠENITURI SEPARATI MIŻ-ŻWIEĠ

**2016. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ġenitur separat miż-żwieġ għamel użu mill-Equity Sharing, sena b'sena mill-2017 sal-aħħar ta' 2021, kif ukoll skont il-ġeneru u l-età rispettivi?

24/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi minn mindu l-iskema daħlet fis-seħħ fis-sena 2019 sal-aħħar tas-sena 2021, l-Awtorità tad-Djar kellha 31 ġenitur separat miż-żwieġ li bbenefikaw mil-iskema *Equity Sharing*. L-informazzjoni mitluba tinstab fit-tabelli t'hawn taħt:

| Sena | Benefiċċjarji li ffirmaw kuntratt ta' xiri ta' proprjetà taħt Equity Sharing Scheme |
|---|---|
| 2019 | Nil |
| 2020 | 20 |
| 2021 | 11 |

| Età | Benefiċċjarji li iffirmaw kuntratt ta' xiri ta' proprjetà taħtEquity Sharing Scheme |
|---|---|
| 42 | 5 |
| 43 | 4 |
| 44 | 2 |
| 45 | 1 |
| 46 | 3 |
| 47 | 4 |
| 48 | 3 |
| 49 | 2 |
| 51 | 1 |
| 52 | 1 |
| 53 | 1 |
| 54 | 2 |
| 55 | 1 |
| 57 | 1 |

| Ġeneru tal-Benefiċċjarji | Benefiċċjarji li iffirmaw kuntratt ta' xiri ta' proprjetà taħt Equity Sharing Scheme |
|---|---|
| Irġiel | 5 |
| Nisa | 26 |

Seduta 24
04/07/2022

## NOTIFIKA RIGWARD ĦLAS TA' PENSJONI

**2018. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex meta pensjonanti jirċevu l-avviż ta' kemm tħallsu u/jew kemm ser jitħallsu pensjoni, fin-notifika li tintbagħtilhom ma jkunx hemm miktub in-numru IBAN tal-kont tal-bank tagħhom sħiħ u dan minħabba l-fatt li ladarba n-notifika tintbagħat bil-posta, hi faċli li din tinfetaħ minn terzi u jista' jkun hemm persuni li jabbużaw jew jagħmlu użu mhux mixtieq minn tali informazzjoni?

24/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor Interpellanta li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

## IMPORTAZZJONI TA' SIMENT – EU CUSTOMS TARIFF CODES

**2021. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie importat siment, x'kienu l-EU Customs Tariff Codes użati u kemm tħallas dazju fuqu, sena b'sena, mill-2011 sal-2021?

27/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpogga fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 24
04/07/2022

**IMPORTAZZJONI TA' RAMEL U ŻRAR – EU CUSTOMS TARIFF CODES**

**2022. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema materja prima li eventwalment tintuża għall-kostruzzjoni, bħal ramel u żrar, ġiet importata, sena b'sena, mill-2011 sal-2021, x'kienu l-EU Customs Tariff Codes użati, x'kienu l-kwantitajiet minn kull tip u kemm tħallas dazju fuqha?

27/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpogga fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 24
04/07/2022

**PRODUZZJONI FIL-KOSTRUZZJONI - DATA**

**2023. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet jew x'inhi r-raġuni li minn Ottubru 2021, Malta ma baqgħetx tissottometti data dwar il-produzzjoni fil-kostruzzjoni għal fini ta' statistika tal-Eurostat? Jekk din id-data ġiet miġbura, tista' d-data u l-analiżi tagħha tiġi ppreżentata fuq il-Mejda tal-Kamra? Jekk din id-data ma ġietx miġbura, x'inhu l-effett fuq statistika oħra inkluż dik relatata mal-kontribut li din l-industrija tagħti lill-ekonomija?

27/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) jissottometti data lil Eurostat dwar il-produzzjoni fil-kostruzzjoni kull kwart (tlett xhur) tas-sena u mhux kull xahar. Dan peress li l-European Business Statistics Regulation 2019/2152 ma tirrikjedix li pajjiżi zgħar bħal Malta jibgħatu data kull xahar iżda kull kwart tas-sena. Id-data tintbgħat sittin ġurnata wara li jingħalaq it-tali perjodu.
Fil-fatt, l-aħħar statistika ppublikata minn Eurostat (ara d-dokument Papers Laid 'A' - Eurostat 71_2022 li qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra) fuq dan l-indikatur, tagħmel referenza għal dan ir-Regolament. Kif ukoll jidher fid-dokument, diversi pajjizi oħra jissottomettu data kull kwart tas-sena u mhux kull xahar.
Rigward il-mistoqsija dwar il-kontribut li din l-industrija tagħti lill-ekonomija, ara d-dokument li qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra Papers Laid 'B' - NR 095_2022. Għal aktar informazzjoni rigward din il-mistoqsija, in-National Accounts Production Unit fi ħdan l-NSO tist' tiġi kkonsultata.

Seduta 24
04/07/2022

**BEREĠ TAL-GVERN**

**2024. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema lokalitajiet il-bereġ tas-saħħa jinsabu magħluqa? Għal kull każ, jista' jgħid kull berġa kemm ilha magħluqa, x'inhi r-raġuni li tinsab magħluqa, x'azzjonijiet se jittieħdu biex terġa' tinfetaħ u meta hu mistenni li terġa' tinfetaħ?

27/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant illi wara li waqt il-pandemija tal-Covid 19 il-Bereg fil-komunita' kienu ingħalqu, f'dan l-aħħar xhur reġgħu bdew jinfetħu. Id-Dipartimenti tas-Saħħa ħa l-opportunita' sabiex is-servizz li jingħata mill-Bereġ jikber u jsir modernizzar esklussiv fihom. Sa issa iċ-Ċentri Komunitarji tas-Saħħa li reġgħu infetħu huma:

***Community Clinics***

| | |
|---|---|
| May 2018 | Xewkija (Goz) |
| March 2019 | Pietà |
| April 2019 | Attard |
| August 2019 | Sliema |
| September 2019 | Żabbar |
| October 2019 | Żejtun |
| December 2019 | Mellieħa |
| 2020 | Żurrieq |
| September 2020 | Fgura |
| November 2020 | Għaxaq |
| March 2021 | Gudja |
| June 2021 | Marsaxlokk |
| August 2021 | Kalkara |
| September 2021 | Valletta |
| November 2021 | Santa Luċija |
| March 2022 | Marsaskala |
| March 2022 | Tarxien |
| March 2022 | Ħamrun |

***Health Centres***

| | |
|---|---|
| September 2018 | Kirkop Health Centre |
| December 2022 | Telemedicine Client Support Centre |
| February 2022 | Gzira Health Centre |

***Centres of Excellence***

| | |
|---|---|
| April 2019 | Primary Eye Screening Centre of Excellence, Floriana HC |
| April 2021 | Podiatry Services, Centre of Excellence, B'Kara HC |

Seduta 24
04/07/2022

**BIRŻEBBUĠA – KLINIKA TAL-GVERN**

**2025. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma lill-Kamra meta se tinfetaħ il-Klinika f'Birżebbuġa? Jekk il-lok diġà ntgħażel, dan huwa tal-Gvern jew tal-Privat u kemm-il post ta' parkeġġ hemm biswitu? Kemm se jkun l-investiment inizjali? Meta se jkunu l-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ u x'servizzi se jingħataw?

27/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bħalissa l-*Primary HealthCare* qiegħed f'kuntatt mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġia dwar fejn ser tkun il-Klinika fil-Kommunita' l-ġdida ta' din il-lokalita' u d-diskuzzjonijiet għadhom ghaddejjin.

Seduta 24
04/07/2022

**SKEJJEL – KINDERGARTEN ASSISTANTS, GĦALLIEMA U LEARNING SUPPORT EDUCATORS**

**2026. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jkunu meħtieġa Kindergarten Assistants, għalliema u Learning Support Educators, skola skola u suġġett suġġett, fejn applikabbli, fil-Kulleġġi rispettivi fl-iskejjel kollha tal-Kindergarten, Primarji, Middle Schools u Sekondarji biex ikun hemm full complement? Kemm mistenni jkun hemm Kindergarten Assistants, għalliema u Learning Support Educators, skola skola u suġġett suġġett, fejn applikabbli, fil-Kulleġġi rispettivi fl-iskejjel kollha tal-Kindergarten, Primarji, Middle Schools u Sekondarji nieqsa biex jintlaħaq il-full complement, bħalissa u fil-bidu tas-sena skolastika 2022/2023?

27/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Ministeru qed jaħdem sabiex jintlaħaq il-full complement tal-għalliema li hemm bżonn fl-iskejjel kollha, fis-suġġetti kollha għas-sena skolastika li jmiss. Ninfurmah ukoll li fl-iskejjel medji u sekondarji hemm għalliema li jgħallmu aktar minn suġġett wieħed u hemm ukoll għalliema li jgħallmu f'aktar minn skola waħda wkoll.
In-numru ta' Learning Support Educators u ta' Kindergarten Educators jiddependi fuq in-numru ta' studenti rreġistrati u n-numru ta' studenti bi statement of needs u dawn iż-żewġ proċessi għadhom għaddejjin. L-istess japplika fil-proċess tal-ingaġġ t'għalliema ġodda.

Seduta 24
04/07/2022

**GĦASSA TAL-QAWRA – RAPPORTI LI SEĦĦEW FIL-LOKALITÀ TAL-MELLIEĦA/MANIKATA**

**2033. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rapporti fl-Għassa tal-Qawra fuq reati varji li seħħew fil-lokalità tal-Mellieħa u l-Manikata bejn Jannar 2020 u Mejju 2022? Jista' jindika x'tip ta' rapporti saru?

27/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' reati crime reports) li ġew irreġistrati fis-sistema tal-Pulizija għall-Mellieħa u l-Manikata, li tagħmel parti mill-Mellieħa, mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Mejju 2022, kien kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt. Din tinkludi t-tip ta' reat kif mitlub mill-Onorevoli Membru.

| **Type of Crime** | **2020** | **2021** | **2022** | **Total** |
|---|---|---|---|---|
| **ABANDON OF CHILD** | **0** | **1** | **0** | **1** |
| ILL TREATMENT NEGLIGENCE OF CHILD UNDER 12 | 0 | 1 | 0 | 1 |
| **ARSON** | **1** | **0** | **0** | **1** |
| PRIVATE BUILDINGS | 1 | 0 | 0 | 1 |
| **ATTEMPTED OFFENCES** | **5** | **6** | **1** | **12** |
| BODILY HARM WITH ARMS IMPROPER | 0 | 0 | 1 | 1 |
| HOMICIDE - WILFUL | 0 | 1 | 0 | 1 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| THEFT - FARMS/FIELDS | 1 | 2 | 0 | 3 |
| THEFT - FROM VEHICLE | 0 | 1 | 0 | 1 |
| THEFT - HOTELS | 1 | 0 | 0 | 1 |
| THEFT - OTHER | 2 | 0 | 0 | 2 |
| THEFT - RESIDENCE | 1 | 2 | 0 | 3 |
| **BODILY HARM** | **13** | **9** | **3** | **25** |
| GBH BY PHYSICAL FORCE | 2 | 1 | 0 | 3 |
| GBH WITH ARMS IMPROPER | 1 | 2 | 2 | 5 |
| SBH BY PHYSICAL FORCE | 9 | 4 | 1 | 14 |
| SBH WITH ARMS IMPROPER | 1 | 2 | 0 | 3 |
| **COMPUTER MISUSE** | **7** | **3** | **9** | **19** |
| UNAUTHORISED ACCESS | 6 | 3 | 8 | 17 |
| UNAUTHORISED COPYING OF DATA | 1 | 0 | 1 | 2 |
| **DAMAGE** | **107** | **135** | **46** | **288** |
| INV DAMAGE BY HIT AND RUN | 68 | 81 | 33 | 182 |
| INVOLUNTARY DAMAGE BY OTHER | 10 | 12 | 4 | 26 |
| INVOLUNTARY DAMAGE BY PAINT | 0 | 1 | 0 | 1 |
| INVOLUNTARY DAMAGE BY SHOT | 0 | 1 | 0 | 1 |
| WILFUL DAMAGE BY OTHER | 26 | 34 | 8 | 68 |
| WILFUL DAMAGE BY PAINT | 2 | 3 | 0 | 5 |
| WILFUL DAMAGE HIT AND RUN | 1 | 3 | 1 | 5 |
| **DOMESTIC VIOLENCE** | **30** | **33** | **11** | **74** |
| GBH WITH ARMS IMPROPER | 0 | 0 | 1 | 1 |
| GBH WITH PHYSICAL FORCE | 0 | 1 | 0 | 1 |
| PSYCHOLOGICAL HARM | 20 | 21 | 7 | 48 |
| SBH WITH PHYSICAL FORCE | 9 | 11 | 3 | 23 |
| STALKING | 1 | 0 | 0 | 1 |
| **DRUGS** | **2** | **5** | **2** | **9** |
| IMPORTATION | 0 | 2 | 0 | 2 |
| POSS WITH INTENT TO SUPPLY | 0 | 1 | 0 | 1 |
| POSSESSION | 2 | 0 | 2 | 4 |
| TRAFFICKING | 0 | 2 | 0 | 2 |
| **FRAUD** | **15** | **48** | **11** | **74** |
| CUSTOMS ORDINANCE | 0 | 0 | 1 | 1 |
| FRAUDULENT GAINS | 14 | 47 | 10 | 71 |
| MISAPPROPRIATION | 1 | 1 | 0 | 2 |
| **HOMICIDE** | **0** | **1** | **0** | **1** |
| WILFUL | 0 | 1 | 0 | 1 |
| **IMMIGRATION** | **0** | **1** | **0** | **1** |
| OTHERS | 0 | 1 | 0 | 1 |
| **MONEY LAUNDERING** | **1** | **0** | **0** | **1** |
| (blank) | 1 | 0 | 0 | 1 |
| **PORNOGRAPHY** | **0** | **2** | **0** | **2** |
| ADULT RELATED | 0 | 1 | 0 | 1 |
| CHILD RELATED | 0 | 1 | 0 | 1 |
| **PRETENDED RIGHTS** | **10** | **14** | **5** | **29** |
| (blank) | 10 | 14 | 5 | 29 |
| **SEXUAL OFFENCE** | **2** | **1** | **1** | **4** |
| INDECENT EXPOSURE | 1 | 0 | 0 | 1 |
| RAPE | 1 | 0 | 0 | 1 |
| SEXUAL ACTIVITY WITH MINORS | 0 | 1 | 0 | 1 |
| VIOLENT INDECENT ASSAULT | 0 | 0 | 1 | 1 |
| **THEFT** | **104** | **80** | **23** | **207** |
| BAR RESTAURANT  CUSTOMERS | 0 | 0 | 1 | 1 |
| BAR RESTAURANT - CUSTOMERS | 2 | 1 | 0 | 3 |
| BAR RESTAURANT - EMPLOYEES | 1 | 0 | 0 | 1 |
| BAR RESTAURANT - PREMISES | 0 | 3 | 1 | 4 |
| BUILDING SITES | 3 | 1 | 2 | 6 |
| FARMS AND FIELDS | 6 | 5 | 2 | 13 |
| GOVERNMENT BUILDINGS | 1 | 0 | 0 | 1 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HOTEL - CUSTOMERS | 4 | 5 | 1 | 10 |
| HOTEL - EMPLOYEES | 1 | 0 | 0 | 1 |
| HOTEL - PREMISES | 3 | 0 | 1 | 4 |
| OTHER THEFT | 9 | 4 | 2 | 15 |
| PICK-POCKETING | 10 | 4 | 3 | 17 |
| RELIGIOUS TEMPLES - PREMISES | 1 | 0 | 0 | 1 |
| RESIDENCE - EXTERIOR | 3 | 0 | 0 | 3 |
| RESIDENCE - OCCUPIED | 12 | 10 | 2 | 24 |
| RESIDENCE - VACANT | 1 | 1 | 0 | 2 |
| RETAIL OUTLETS - CUSTOMERS | 1 | 1 | 0 | 2 |
| RETAIL OUTLETS - PREMISES | 4 | 2 | 0 | 6 |
| SNATCH AND GRAB | 0 | 1 | 0 | 1 |
| STREETS AND PUBLIC AREAS | 3 | 1 | 1 | 5 |
| THEFT FROM BEACHES | 16 | 23 | 0 | 39 |
| THEFT FROM SEACRAFT | 0 | 2 | 0 | 2 |
| THEFT FROM VEHICLE - EXTERIOR | 7 | 8 | 1 | 16 |
| THEFT FROM VEHICLE - INTERIOR | 15 | 7 | 3 | 25 |
| THEFT OF VEHICLE | 1 | 1 | 3 | 5 |
| **THREATS AND PRIVATE VIOLENCE** | **6** | **3** | **4** | **13** |
| BLACKMAIL | 3 | 0 | 3 | 6 |
| HARASSMENT | 3 | 3 | 1 | 7 |
| **UNAUTHORIZED ACC IN REST AREA** | **1** | **0** | **1** | **2** |
| | 1 | 0 | 1 | 2 |
| **VIOLENCE AGAINST PUB OFFICER** | **2** | **4** | **1** | **7** |
| RESISTING | 0 | 1 | 0 | 1 |
| REVILED AND THREATENED | 2 | 2 | 1 | 5 |
| VIOLENCE AGAINST | 0 | 1 | 0 | 1 |
| **Grand Total** | **306** | **346** | **118** | **770** |

Seduta 24
04/07/2022

**AIR MALTA - IMPJEGATI**

**2034. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Peress li diversi impjegati tal-Air Malta jinsabu mħassba serjament dwar il-futur tagħhom fi żmien diffiċli ħafna, speċjalment meta l-għoli tal-ħajja qed jiżdied kif intqal mill-Ministru stess, u peress li l-iskadenza tagħhom biex jiġu trasferiti hija t-12 ta' Awwissu 2022, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex din il-bidla titlesta b'suċċess?

27/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant il-proċess biex jiġu trasferiti il-ħaddiema li applikaw taħt l-Iskema ta' Trasferiment tal-Impjegati Volontarji (VETS) huwa maqsum fi tnejn.
Fl-ewwel fazi qed jiġu trasferiti ħaddiema li jagħmlu parti mid-dipartimenti amministrattivi tal-kumpanija filwaqt li fit-tieni fazi ser jiġu trasferiti il-ħaddiema tal- ground u passenger handling.
Il-proċess miexi skond pjan sabiex il-kumpanija ma ġġarabx tfixkil fl-operat tagħha f'dawn ix-xhur meta il-kumpanija qiegħdha tesperjenza zieda qawwijja fil-bookings. Barra minnhekk peres illi il-kumpnaija aċċettat l-applikazzjoinijiet kollha tal-ħaddiema li applikaw ghall-VETS jinħtieġ li minħabba regolamenti tal-avajazjoni ċertu postijiet iridu bil-fors jimtlew minn ħaddiema ġodda qabel mal-kumpanija tkun tista' tirrilaxxja il-ħaddiema ezistenti.

Seduta 24
04/07/2022

**AIR MALTA - TRASFERIMENTI TA' IMPJEGATI**

**2035. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Peress li l-Gvern għandu impenn li jittrasferixxi l-impjegati tal-Air Malta f'korpi governattivi oħra, jista' l-Ministru jispjega għaliex l-istess Gvern mhux qed jikkunsidra li jassisti lis-settur privat li qed jixxennaq għar-riżorsi umani u jsib skema li permezz tagħha kulħadd jirbaħ?

27/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li dan ikun jikkonstitwixxi 'state aid'.

Seduta 24
04/07/2022

**AMBAXXATUR TAL-KULTURA**

**2036. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid:

a. X'inhu l-irwol tal-ambaxxatur tal-kultura?
b. Min qed jokkupa din il- kariga u l-kwalifiċi tiegħu?
ċ. Kif intgħażel?
d. Għandu xi benefiċċji renumeratorji u jekk iva, kemm?
e. Qiegħed igawdi minn immunitày diplomatika u jekk iva, għalfejn?
f. Kemm hu twil it terminu tiegħu?
ġ. Jista' jagħti rapport dettaljat tal-ħidma tiegħu mid- data tal-ħatra tiegħu sal-lum?

27/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inressaq l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 24
04/07/2022

**HIGH VOLTAGE SHORE CONNECTION SYSTEM IN THE GRAND HARBOUR - KUMPANIJA LI REBĦET IT-TENDER**

**2037. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1721, peress li l-mistoqsija ma kenitx qed titlob lista tar-rekwiżiti li talab it-tender, imma lista tat-tliet persuni, isem u kunjom, li llum qed jaġixxu bħala Key Experts (Team Leader, Resident Engineer u Electrical Engineer) fuq il-proġett, u x'kienu l-kwalifiċi u l-esperjenza li kull wieħed minnhom individwalment issottometta li għandu, jista' l-Ministru jippubblika dan?

28/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant li l-ismijiet li qed jagixxu bhala Key Expert huma dawn:

· Muhammad Abbesi - Team Leader (Project and Quality Assurance Manager):
· Suraj Koshy - Resident Engineer:
· Ing. Joseph Azzopardi Electrical Engineer

Qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra ir-risposta tabella bil kwalifici ta kull wiehed minnhom.

Seduta 24
04/07/2022

**SPECIAL OLYMPICS – INFIQ LI SAR FIĊ-ĊERIMONJA TAL-FTUĦ**

**2038. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont tal-infiq kollu li sar fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-iSpecial Olympics, lil min sar il-ħlas u b'liema proċedura (direct order, tender etc.)?

28/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 24
04/07/2022

**AIR MALTA - XOGĦOL TA' GROUND HANDLING**

**2039. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1866 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1681, jista' l-Ministru jgħid liema kumpanija se tibda tagħmel ix-xogħol ta' ground handling għall-Air Malta? Jikkonferma li l-Air Malta daħlet bi sħab ma' kumpanija Taljana biex twaqqaf kumpanija ġdida tal-ground handling?

28/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-Air Malta m'għandha ebda ftehim iffirmat kif indikat fil-mistoqsija.

Seduta 24
04/07/2022

**PBS - EX ĦADDIEMA - PENSJONI**

**2042. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1926 u ċjoè: B'referenza għat-tagħrif li ta fil-konferenza stampa tal-1 ta Ġunju 2022 dwar ħlas lil dawk li sofrew anomaliji u inġustizzji, jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew it-taħditiet mar-rappreżentanti tal-ex-ħaddiema tal-PBS dwar il-kwistjoni tal-pensjoni tagħhom, in vista tal-wegħda elettorali nru 109 u l-fatt li dawn l-inġustizzji ġew konfermati b'sentenza mill-Qorti fl-2017? Jista' l-Gvern jgħid hux ser jimxi mal-wegħda tiegħu jew hux ser ikompli bl-appell li fetaħ kontra din is-sentenza?

28/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-kwistjoni flimkien ma' oħrajn se jkunu qed jiġu ttrattati matul din il-leġislatura kif imwiegħed fil-Manifest Elettorali.

Seduta 24
04/07/2022

**KUMITAT DWAR KEMMUNA**

**2043. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1826, peress li r-referenza li ta l-Ministru għall-mistoqsija parlamentari 20932 ma tweġibx il-mistoqsija oriġinali iżda tagħti biss lista ġenerika ta' kif inhu kompost il-Kumitat u tgħid li twaqqaf fl-2017, u peress li fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1827 imwieġba fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża tgħid li dan il-Kumitat għandu jerġa' jiġi kostitwit, jista' l-Ministru jiċċara:
(a) jekk dan il-Kumitat iridx jerġa' jiġi kostitwit, jew huwiex diġà kostitwit;
(b) jekk mhuwiex kostitwit, meta se jerġa' jiġi kostitwit u kif ser jintgħażlu l-membri;
(ċ) jekk għadu kostitwit, min huma l-membri wieħed wieħed u kull wieħed kif ġie magħżul;
(d) ir-rekwiżiti mitluba mill-membri tal-Kumitat; u
(e) it-termini ta' referenza ta' dan il-Kumitat, kemm jekk inhu kostitwit, kemm jekk inhuma t-termini li se jingħata l-Kumitat jekk għadu jrid jerġa' jiġi kostitwit?

28/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1826.

Seduta 24
04/07/2022

**IMĠARR – TRIQ SIR HARRY LUKE – PROBLEMA TAD-DRENAĠĠ**

**2044. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex informat bil-problema tad-drenaġġ fi Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, minħabba li dan mhux qiegħed ilaħħaq mad-domanda? Huwa maħsub li dan ix-xogħol isir fil-ġimgħat li ġejjin?

28/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 2044 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 24
04/07/2022

**BELT VALLETTA - FORTIFICATIONS INTERPRETATION CENTRE**

**2055. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1625, jista' l-Ministru jispeċifika dan il-proġett ġdid x'ser ikun qed jittratta, u jispeċifika meta jew f'liema żmien huwa ppjanat li jinfetaħ?

28/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:**
Ninforma lill-Onorevoli interpellant li ninsab infurmat li bħala parti mil-viżjoni ta' Heritage Malta għall-Belt Valletta, dan il-bini ser jinbidel f'esperjenza immersiva u interattiva li tiffoka fuq il-Belt Valletta.

L-Aġenzija qiegħda taħdem sabiex iċ-ċentru jerġa jkun aċċessibli temporanjament fix-xhur li ġejjin.

Seduta 24
04/07/2022

**TĦASSIR TA' INTERVENTI, APPUNTAMENTI U OPERAZZJONIJIET**

**2067. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1921 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1366, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew posposti:
a. interventi;
b. appuntamenti; u
ċ. operazzjonijiet,
minħabba n-nuqqas ta' konsenja tat-tracer li jinġieb minn Ruma biex jintuża fil-PET Scans?

28/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi din l-informazzjoni ma tinzammx mill-isptar Mater Dei.

Seduta 24
04/07/2022

**KONFERENZA DWAR IL-FREE SCREENING TAL-ABDOMINAL AORTIC ANEURYSM**

**2084. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-konferenza li ta d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju dwar il-free screening tal-Abdominal Aortic Aneurysm, u peress li jidher li dan l-iscreening se jibda jsir fil-Klinika tal-Komunità fil-Ħamrun, għaldaqstant jista' jgħid jekk dan is-servizz hux se jingħata lill-Għawdxin ukoll f'Għawdex stess? Jekk iva, meta u kif l-Għawdxin se jkunu nformati?

30/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-ħsieb hu li l-screening tal-*Abdominal Aortic Aneurysm* li bħalissa qed isir mill-Klinika Komunitarja tas-Saħħa tal-Hamrun idur għal ġo Kliniċi oħra inkluż Għawdex fuq bażi ta *rotation.*

Seduta 24
04/07/2022

**GŻIRA – SKOLA POST-SEKONDARJA**

**2085. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li parti mill-binja tal-iskola Post Sekondarja, fil-Gżira, fejn isir il-Programm Edukattiv GEM16+, (Programm Edukattiv elenkat fl-aħħar Manifest Elettorali tal-Partit Laburista, wegħda nru 281), hix se tittieħed għal skopijiet li jaf bihom id-Dipartiment? Għalfejn intgħażlet din il-binja biex taqdi funzjonijiet oħrajn tad-dipartiment a detriment tal-istess programm? Jista' jgħid jekk dan kienx tentattiv maħsub minn qabel, biex il-Programm li twaqqaf minn Gvern Laburista stess fi żmien il-Ministru Evarist Bartolo, issa jingħata daqqa 'l isfel u eventwalment jasal biex jagħlaq il-bibien tiegħu? Jista' jgħid jekk sitwazzjonijiet bħal dawn humiex qegħdin jgħinu lill-għalliema tagħna biex jaħdmu u jħarsu b'viżjoni għall-futur bi pjan għal uliedna jew jekk humiex qegħdin iżommu lura aktar persuni milli jidħlu bħala għalliema u LSEs fis-settur edukattiv?

30/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Inserraħ ras l-Onorevoli Interpellant illi l-Ministeru huwa kommess li jkompli jsaħħaħ il-programmi kollha li joffri, inkluż dak tal-ĠEM16+ u ċertament ma hemm l-ebda tentattiv sabiex dan jingħalaq.

Seduta 24
04/07/2022

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ U S-SIĠĠIEWI – STUDJI MINN INFRASTRUCTURE MALTA DWAR TIBDIL LI SE JSIR FIL-JUNCTION**

**2103. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li saru minn Infrastructure Malta sabiex waslet għall-għażla tagħha għat-tibdil li se jsir fil-junction ta' Ħaż-Żebbuġ-Siġġiewi? Jista' jgħid ma' min ikkonsultat Infrastructure Malta sabiex waslet għall-għażla tal-junction Ħaż-Żebbuġ-Siġġiewi? Jista' jippubblika l-konsultazzjonijiet li saru?

30/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta 24

04/07/2022

**KORP TAL-PULIZIJA - INTERNATIONAL ARREST WARRANT DWAR ĦASIL TA' FLUS**

**2109. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid id-data wara Frar, 2021 li fiha l-Korp tal-Pulizija bagħat International Arrest Warrant fir-rigward ta' persuni ta' nazzjonalità barranija li kienu suġġetti ta' inkjesta maġisterjali dwar ħasil ta' flus u li d-dettalji dwarhom qegħdin jingħataw separatament? Jekk ma nħariġx International Arrest Warrant fil-konfront ta' dawn il-persuni jew uħud minnhom, jista' jagħti r-raġuni għala ma nħariġx?

30/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Ministru ma jkunx infurmat bl-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

Seduta 24
04/07/2022

**QORTI TA' GĦAWDEX – NUQQAS TA' ASSISTENT REĠISTRATUR**

**2110. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jdum bla Assistent Registratur il Qorti ta' Għawdex? Jaf li dan in-nuqqas qed ixekkel il-ħidma tal-Qorti?

30/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-post ta' Assistent Reġistratur fil-Qorti ta' Għawdex kien imtela f'Ottubru 2021, però, dan il-post reġa' ġie vakanti. Dan il-post reġa' ġie pubblikat internament u ma kienx hemm applikanti. Fil-ġimgħat li ġejjin se jinħareġ l-avviż biex dan il-post vakanti jkun jista' jimtela.

Seduta 24
04/07/2022